BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 12/2009**

**Diċembru 2009**

L-istatistika monetarja għax-xahar ta' Diċembru 2009 maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta turi li l-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro matul dak ix-xahar żdiedet b'EUR27.4 miljun, jew 0.3%, biex laħqet EUR8.6 biljuni. Minħabba f'hekk, għalkemm baqgħet negattiva, ir-rata annwali tat-tkabbir tiegħu kibret għal -1.4% minn -3.7% f'Novembru.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) għola b'EUR147.6 miljun, jew 3.5%, f'Diċembru, minħabba żieda fil-livell ta' depożiti *overnight* miżmuma. Dawn żdiedu b'EUR138.1 miljun, jew 3.9%, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi Maltin u, sa ċertu punt, minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'kuntrast ma' dan, id-depożiti *overnight* miżmuma minn residenti oħra taż-żona tal-euro naqsu. Sadanittant, il-flus maħruġa żdiedu b'EUR9.5 miljuni, jew 1.5%. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 żdiedet b'mod qawwi għal 13.2% minn 7.6% f'Novembru.

Il-komponent monetarju intermedju (M2) kiber b'EUR26.7 miljun, jew 0.3% f'Diċembru, hekk kif it-tkabbir qawwi fl-M1 patta għat-tnaqqis qawwi fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Dawn tal-aħħar naqsu b'EUR123.5 miljun, jew 2.9%, minħabba tnaqqis li saħansitra kien akbar fid-depożiti ta' residenti Maltin partikolarment kumpaniji mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas ta' residenti Maltin komplew jiċkienu fuq bażi annwali, bi tnaqqis ta' 13.1% meta mqabbel ma' tnaqqis ta' 10.3% matul it-tnax-il xahar sa Novembru. Fil-frattemp, id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas urew titjib żgħir.

B'kollox, id-depożiti ta' residenti Maltin naqsu b'EUR45.1 miljun f'Diċembru. Minkejja dan, ir-rata tat-tnaqqis annwali tagħhom fil-fatt tjiebet għal -1.3% minn -2.0% xahar qabel. Iċ-ċaqliq fil-preferenza għal depożiti *overnight* jista' tkun kaġun li naqas id-disinċentiv li żżomm assi daqshekk likwidi minħabba r-rati tal-imgħax baxxi ta' bħalissa. Madankollu, il-bżonn tal-individwi għal aktar flus likwidi fil-perijodu tal-Milied seta' kkontribwixxi wkoll biex ikomplu jonqsu aktar id-depożiti marbutin għal żmien qasir.

Is-self lil residenti ta' Malta kiber b'EUR107.2 miljuni, jew 1.1%, f'Diċembru, minħabba żieda fis-self meħud minn residenti lokali eskluż is-settur tal-gvern ġenerali. Is-self lil dan tal-aħħar żdied b'EUR167.4 miljun l-aktar minħabba żieda fis-self lis-settur tal-elettriku, gass u tal-ilma, fis-self personali mogħti għall-iffinanzjar ta' xiri ta' djar, kif ukoll lis-setturi tan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u lis-settur tal-lukandi u ristoranti. Mill-banda l-oħra, is-self lill-gvern ġenerali Malti naqas b'EUR60.3 miljun hekk kif naqas l-ammont ta' bills tat-Teżor u, sa ċertu punt, l-

ammont ta' stokks tal-Gvern miżmum mill-banek. Kollox ma' kollox, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lil residenti Maltin battiet għal 8.9% minn 9.8% f'Novembru.

Is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro kiber b'EUR19.2 miljun f'Diċembru, hekk kif banek lokali żiedu l-bilanċi miżmuma ta' titoli maħruġa minn gvernijiet tal-kumplament taż-żona tal-euro. Kumplessivament, is-self totali lil residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR126.4 miljun matul ix-xahar.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u residenti barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'EUR98.6 miljun, jew 1.5%, f'Diċembru. Dan ġara minħabba li żieda fid-depożiti miżmuma minn banek residenti ma' banek barra ż-żona tal-euro ħabbtet ukoll ma' tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro li kienet tinkludi tnaqqis fid-depożiti fissi miżmuma ma' banek lokali.

F'Diċembru, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 kibru b'EUR197.7 miljun, jew 1.8%, prinċipalment minħabba transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro, li jidhru bħala 'obbligazzjonijiet oħra (netti)'. B'mod partikolari, matul ix-xahar dawn it-transazzjonjiet irriżultaw f'żieda nett fis-self ta' banek lokali mingħand banek oħra fi bnadi oħra taż-żona tal-euro. Dan irnexxielu jegħleb l-effett taż-żamma ta' aktar titoli ta' self maħruġa għat-tul minn istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji residenti fi bnadi oħra taż-żona tal-euro. L-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal żdiedu wkoll l-aktar minħabba li kiber il-qligħ imfaddal ta' banek lokali.

Rigward ir-rati tal-imgħax tal-banek f'Diċembru, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata kif applikata minn banek residenti fuq depożiti ta' klijenti naqset b'6 punti bażi għal 1.44%, filwaqt li r-rata tal-imgħax medja ppeżata applikabbli għal self ma nbidletx minn dik ta' xahar qabel jiġifieri 4.46%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK CENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGHHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Dic-09 | Nov-09 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla percentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Dic-08 | Bidla Annwali | Bidla percentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,359.5** | **4,211.9** | **147.6** | **3.5** | **3,849.6** | **509.9** | **13.2** |
| Flus mahruga[3] | 1.1 | 639.8 | 630.2 | 9.5 | 1.5 | 669.2 | -29.5 | -4.4 |
| Depożiti *overnight* [4] | 1.2 | 3,719.8 | 3,581.7 | 138.1 | 3.9 | 3,180.4 | 539.4 | 17.0 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,633.6 | 3,493.1 | 140.6 | 4.0 | 3,120.0 | 513.7 | 16.5 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,671.1** | **8,644.4** | **26.7** | **0.3** | **8,824.5** | **-153.4** | **-1.7** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,359.5 | 4,211.9 | 147.6 | 3.5 | 3,849.6 | 509.9 | 13.2 |
| Depożiti li jistghu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 111.7 | 109.1 | 2.5 | 2.3 | 114.3 | -2.6 | -2.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 111.6 | 109.0 | 2.6 | 2.4 | 114.2 | -2.6 | -2.3 |
| Depożiti li ntrabtu ghal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,199.9 | 4,323.4 | -123.5 | -2.9 | 4,860.7 | -660.8 | -13.6 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 4,057.2 | 4,245.5 | -188.3 | -4.4 | 4,668.0 | -610.8 | -13.1 |
| **L-AGGREGAT SHIH (M3)** | **3** | **8,559.1** | **8,531.7** | **27.4** | **0.3** | **8,680.3** | **-121.2** | **-1.4** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,671.1 | 8,644.4 | 26.7 | 0.3 | 8,824.5 | -153.4 | -1.7 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nhargu ghal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | -112.0 | -112.7 | 0.7 | -0.6 | -144.3 | 32.3 | -22.4 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **13,153.9** | **13,027.5** | **126.4** | **1.0** | **12,092.5** | **1,061.4** | **8.8** |
| Self lill-gvern generali | 4.1 | 3,101.7 | 3,147.0 | -45.3 | -1.4 | 2,062.2 | 1,039.4 | 50.4 |
| li minnu: self lil gvern generali Malti | 4.1.1 | 1,863.4 | 1,923.7 | -60.3 | -3.1 | 1,600.4 | 263.0 | 16.4 |
| Self lil setturi ohra | 4.2 | 10,052.2 | 9,880.5 | 171.7 | 1.7 | 10,030.2 | 22.0 | 0.2 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,792.6 | 7,625.1 | 167.4 | 2.2 | 7,266.9 | 525.6 | 7.2 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **6,653.5** | **6,554.8** | **98.6** | **1.5** | **7,379.0** | **-725.5** | **-9.8** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 24,924.6 | 24,854.9 | 69.6 | 0.3 | 26,971.2 | -2,046.7 | -7.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 18,271.1 | 18,300.1 | -29.0 | -0.2 | 19,592.2 | -1,321.1 | -6.7 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OHRA** | **6** | **11,248.3** | **11,050.6** | **197.7** | **1.8** | **10,791.2** | **457.1** | **4.2** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern centrali | 6.1 | 541.9 | 558.0 | -16.1 | -2.9 | 472.7 | 69.2 | 14.6 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 5,524.9 | 5,489.2 | 35.7 | 0.7 | 4,368.1 | 1,156.8 | 26.5 |
| Obbligazzjonijiet ohra (netti) | 6.3 | 5,181.5 | 5,003.5 | 178.0 | 3.6 | 5,950.4 | -768.9 | -12.9 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin ghat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti ohra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fic-cirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro mahruga mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta fil-kapital imhallas tal-BCE), kif ukoll muniti mahruga mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jigi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Ghall-2008, gew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li ghadhom ma ssarrfux. Dan ghalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nhargu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern centrali.

(5) Titoli ta' self li nhargu ghal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bhal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u mahruga minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (hrug ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistghu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-ahhar data ghandha titqies bhala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla percentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Centrali ta' Malta.